MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 1341/1991/1

**Fiona Cachia Busietta ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` "RHF Industries Limited"**

**vs**

**Dottor Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rappresentanza tal-Mid-Med Bank Limited u b'nota tas-27 ta' Marzu 1998 l-isem inbidel ghal Mid-Med Bank p.l.c. u b'nota tas-17 ta' Jannar 2000 l-isem inbidel ghal H.S.B.C. Bank Malta p.l.c.,**

**Adrian Busietta u Hadrian Busietta ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` "Muscat's General Stores Limited";**

**Adrian Busietta ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` "Pye Rentals Limited"**

## Il-Qorti:

## Preliminari.

B'citazzjoni tat-18 ta' Novembru, 1991 ipprezentata fl-allura Qorti tal-Kummerc, is-socjeta` attrici ippremettiet illi l-konvenut Dottor Eric Mamo nomine talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' Qbid kontra l-konvenuti l-ohra (Mandat numru 3527/91 AS) ghal hlas tas-somma ta' mija u sbatax-il elf, mitejn tlieta u disghin lira, erbgha u erbghin lira u erba' millezimi (LM117,293.44,4) u ghal imghax tat-8% fil-mija fis-sena mil-20 ta' Novembru, 1988 sad-data tal-pagament effettiv, illi dan il-mandat gie ezegwit fin-negozji tas-socjeta` attrici li minnhom gew elevati l-oggetti kollha ezistenti b'mod li l-istess negozji gew paralizzati; illi l-oggetti elevati huma ta' proprjeta` ta' l-istanti u mhux tas-socjetajiet debitrici; illi l-konvenut nomine gie infurmat b'dan u gie mitlub biex jirrevoka l-imsemmi mandat li bhala konsegwenza tieghu l-istanti kienet qed issofri danni enormi; illi nonostante l-ispjegazzjoni lilu moghtija l-konvenut nomine Dottor Eric Mamo baqa' jippersisti fl-agir illegali tieghu u ghalhekk qieghed in "mala fede"; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1) tirrevoka l-mandat ta' qbid fl-ismijiet "Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo noe vs Adrian Busietta nomine et" (Numru 3527/91 AS) kif ukoll l-esekuzzjoni tieghu;

2) tiddikjara lill-konvenut nomine Dottr Eric Mamo responsabbli ghad-danni sofferti mill-istanti peress li qieghed jagixxi in mala fede;

3) tillikwida l-ammont ta' l-istess danni;

4) tikkundanna lill-istess Dottor Eric Mamo nomine ihallas id-danni hekk likwidati.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru, 1991 u bl-imghax legali mill-hrug tal-imsemmi mandat.

B'nota tat-12 ta' Dicembru, 1991 l-konvenut Dottor Henry sive Eric Mamo noe eccepixxa:-
1) Illi l-meritu ta' l-ewwel talba jinsab ezawrit stante illi l-eccipjent gja spedixxa kontromandat.
2) Illi l-eccipjent m'hu responsabbli ghal ebda danni li setghet talvolta sofriet is-socjeta` attrici billi l-mandat in kwistjoni nhareg u gie ezegwit in bona fide, f'lokal li hu maghruf bhala sede kummercjali tad-debitur tal-eccipjent, u cioe` s-socjeta` Muscat`s General Stores Limited.
3) Illi ghall-istess motivi t-talbiet ghal-likwidazzjoni tad-danni u kundanna ghall-hlas tal-istess huma nfondati.

Illi s-socjetajiet konvenuti l-ohra ma resqu ebda eccezzjonijiet kontra t-talbiet attrici u ghalhekk l-ewwel qorti zammithom bhala kontumaci.
B'sentenza tas-16 ta' Marzu, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi filwaqt li rrespingiet l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. u iddikjarat bhal proceduralment ezawrita l-ewwel talba attrici in forza tal-hrug tal-opportun kontro-mandat ad istanza tal-imsemmi Bank konvenut, laqghat it-tlett domandi l-ohra konsegwenzjali ghall-ewwel talba kif dedotti, b'dana li fir-rigward tat-tieni talba ipprecizat li ghalkemm ma jirrizultax li l-Bank konvenut agixxa in mala fede madankollu xorta wahda huwa legalment tenut responsabbli ghall-operat zbaljat tieghu fil-konfront tas-socjeta` attrici; u kwantu ghat-tielet talba illikwidat, in linea ta' danni, l-ammont komplessiv ta' LM7,280.00c kif inghad fil-korp tas-sentenza, laqghat ukoll ir-raba' talba kif dedotta komprizi hlasijiet ta' interessi legali kif mitlub fl-att tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.
Dwar il-kap ta' l-ispejjes l-ewwel qorti pprovdiet billi ordnat li dawn ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta H.S.B.C Bank Malta p.l.c. hlief ghal dawk relativi ghaz-

zewg socjetajiet konvenuti l-ohrajn surriferiti li l-ispejjes taghhom jibqghu bla taxxa u sopportati minnhom stess.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel qorti qalet hekk:-
*"Illi proprjament l-ewwel talba kienet tmur oltre minn dak li normalment ikun hemm kompriz f'azzjoni ta' danni pero` jirrizulta li fil-mori tal-kawza, il-mandat ta' qbid li tieghu ntalbet ir-revoka gie effettivament revokat b'digriet sussegwenti wara talba ghall-hrug ta' kontro-mandat ad istanza tal-Bank konvenut. Jinghad ghalhekk li kwantu ghah-ewwel talba din giet proceduralment ezawrita b'dak li sehh wara. Jinghad ukoll pero` li l-Bank konvenut ighid li dan il-kontro-mandat gie mahrug ghaliex kien intlahaq arrangament bl-intervent ukoll ta' Bank iehor u mhux ghaliex huwa qatt accetta xi htija ghall-otteniment u ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid* <u>*de quo*</u>*. Il-Bank konvenut di fatti ghadu tutt'ora jsostni illi l-agir tieghu mhux biss kien in "buona fede" imma anke ggustifikat minn punto di vista ta' dritt u ghalhekk it-talbiet l-ohra attrici, ta' natura konsegwenzjali, huma nfondati. Fi kliem iehor, din il-Qorti necessarjament ikollha tinvesti l-punt dwar jekk l-otteniment tal-mandat ta' qbid, u partikolarment bil-fatt li seta' gie ezegwit fuq hwejjeg appartenenti lil terz li ma kienx debitur tal-Bank konvenut, kienx iwassal ghal esekuzzjoni erroneja p(a)ssibbli ghall-hlas ta' danni a kariku tal-ezekutant, jigifieri tal-imsemmi Bank konvenut f'dan il-kaz.*

*"Illi mill-provi jirrizulta li l-Bank konvenut kien kreditur taz-zewg socjetajiet l-ohra konvenuti. Jirrizulta wkoll li kienet tezisti konnessjoni bejn dawn iz-zewg socjetajiet konvenuti u s-socjeta` attrici, u partikolarment mas-socjeta` Muscat's General Stores Limited u dana billi l-azzjonisti, ossia xi whud minnhom, taz-zewg socjetajiet kienu l-istess persuni – specjalment Adrian Busietta, missier l-attrici proprio. Muscat General Stores Limited kienet wahda mill-agenti klienti tas-socjeta` attrici. Is-socjeta` attrici hija s-sid tal-fond kummercjali li hemm fil-Gzira u dan inoltre jinsab lokat lil Muscat General Stores Limited, liema stabbiliment jikkomprendi hanut kif ukoll ufficini u "stores". Barra minn dan, kumpanija ohra bl-isem ta' Muscat Servicing Limited tikri wkoll parti ohra minn dan*

*l-istabiliment. Seta' wkoll, tghid l-attrici in kontro-ezami li kien hemm xi "old stock" u "oggetti ohra insinjifikanti" ghand Muscat General Stores Limited li thallew hemm mis-socjeta` attrici. Min-naha l-ohra, pero`, l-attrici xehdet bla ma giet kontradetta li l-Bank konvenut kien pjenament edott bl-ezistenza tas-socjeta` attrici indipendentement miz-zewg socjetajiet l-ohrajn konvenuti ghaliex tghid li huma kienu jahdmu bl-istess Bank. Jirrizulta inoltre li l-oggetti maqbudin kienu tassew jappartjenu lis-socjeta` attrici u mhux lid-debituri vera tal-Bank konvenut. Jirrizulta wkoll li l-attrici agixxiet fil-pront biex turi lill-ezekutant bl-izball li kien qieghed jiehu pero` deher li l-Bank konvenut xorta wahda ghazel li jibqa' ghaddej bl-ezekuzzjoni, minkejja l-protesti tal-attrici nomine anke fuq il-post, u waqt l-ezekuzzjoni, u li kien biss wara arrangamenti milhuqin mad-debituri l-ohrajn u bl-intervent ta' bank iehor li eventwalment gie revokat il-mandat ta' qbid. Ma jirrizultax li inizjalment l-operat tal-Bank konvenut kien "in mala fede" pero` galadarba jirrizulta li huwa esegwixxa fuq hwejjeg ta' terz, u dan minkejja li messu waqaf biex jara li dak li qed tallega s-socjeta` attrici kienx minnu (cjoe` li l-oggetti maqbudin kienu taghha u mhux tad-debituri, kif fil-fatt kien), ifisser allura li l-Bank konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni li setghu rrizultaw b'dina l-ezekuzzjoni zbaljata fuq hwejjeg ta' terz. Ma jirrizultax li kien hemm xi responsabbilita` addizjonali min-naha tal-konvenuti l-ohrajn, ghalkemm setghu jiccaraw il-posizzjoni huma wkoll pero` dana m'ghamluhx."*

Illi ghal dak li huma danni l-ewwel qorti ezaminat bir-reqqa d-dokumenti ezebiti u x-xhieda prodotta u, wara li dehrilha li f'xi kazi d-danni reklamati ma kienux gustifikati jew neqsin minn kull element ta' prova, u wara li wkoll hasset li xi partiti kienu eccessivi u ghalhekk hasset li ghandha tapplika d-diskrezzjoni taghha billi tillikwida ammonti inferjuri "*arbitrio boni viri*", l-istess qorti waslet biex akkordat is-somma ta' LM7,280.

**L-appell tas-socjeta` H.S.B.C. Bank Malta p.l.c.**

Mis-sentenza fuq riportata appella bis il-Bank konvenut li b'rikorsipprezentat fit-3 ta' April, 2000 talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:-
1. tikkonferma d-decizjoni dwar l-ewwel talba;
2. tikkonferma dik il-parti tad-decizjoni dwar it-tieni talba fejn intqal li l-Bank appellant ma' agixxiex in mala fede u thassar dik il-parti tas-sentenza fejn intqal li xorta wahda il-Bank appellant huwa responsabbli ghad-danni ghall-agir zbaljat tieghu billi jew tiddikjara li din il-parti tad-decizjoni hija extra petita, jew fin-nuqqas billi issbha infondata fil-fatt u fid-dritt;
3. illi thassar u tirrevoka id-decizjoni fuq it-tielet talba, jew se mai tiddikjara li jekk gew kawzati xi danni mill-appellant dawn id-danni gew kagunati bejn il-21 u s-27 ta' Novembru 1991;
4. li tirrevoka s-sentenza fuq ir-raba' talba jew li tittemperaha skond id-decizjoni dwar it-tieni u t-tielet talba;
5. fin-nuqqas ta' dan kollu, li tordna temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez;
6. ukoll fin-nuqqas ta' dan kollu li tirriforma il-kap tal-imghax billi thassar id-decizjoni kif inhi, u tordna li l-imghax jithallas mid-data tas-sentenza.
Bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

**L-aggravji tas-socjeta` appellanti.**

L-aggravji tas-socjeta` H.S.B.C. Bank Malta Limited huma diversi u gew puntwalizzati bil-mod segwenti:-

**a) L-aggravju dwar responsabbilita`.**

Dan l-aggravju huwa inoltre maqsum fuq zewg binari. Dak <u>procedurali</u>, fejn qed jigi sottomess li l-ewwel qorti ddecidiet "*extra petita"* meta sabet lis-socjeta` appellanti responsabbli filwaqt li ma rrizultatx il-mala fede allegata fic-citazzjoni bhala bazi tal-azzjoni. U dak <u>sostantiv</u> nkwantu l-provi kienu juru li l-Bank appellant kien gustifikat li jitlob l-esekuzzjoni tal-mandat fil-fondi fejn gew elevati l-effetti mobbili tas-socjeta` attrici u li fi kwanlunkwe kaz ma kien hemm ebda nuqqas da parti tal-istess Bank fl-agir tieghu waqt il-verifiki mehtiega.

**b) L-aggravju dwar il-likwidazzjoni tad-danni.**

Is-socjeta` appellanti tilmenta fuq il-mod kif gew likwidati d-danni minhabba l-fatt li dawn jew ma kienux sostanzjati bil-provi mehtiega fic-cirkostanzi, jew gew likwidati fuq il-perjodu kollu bejn id-data tal-hrug ossia esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid sad-data meta dan mhassar. Is-sottomissjoni f'dan ir-rigward hi fis-sens li kien jehtieg periodu ragionevoli biex tigi epurata l-posizzjoni legali ta' sid l-effetti maqbuda, liema perjodu, fic-cirkostanzi tal-kaz, ma ghandux jaggrava l-posizzjoni tas-socjeta` appellanti.

**c) L-aggravju dwar l-ispejjes.**

Stante li d-danni akkordati huma inferjuri hafna ghal dawk reklamati mis-socjeta` attrici huwa l-kaz ta' temperament fil-kap tal-ispejjes.

**d) L-aggravju dwar l-imghax.**

Qed jigi sottomess li l-imghax fuq ammont da liquidarsi qatt ma' jiddekorri minn data qabel is-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Fic-citazzjoni promotrici jinghad espressament hekk:-
"*illi dan il-mandat gie esegwit fin-negozji tas-socjeta` attrici li minnhom gew elevati l-oggetti kollha ezistenti b'mod li l-istess negozji gew paralizzati; illi l-oggetti elevati huma ta' proprjeta` tal-istanti u mhux tas-socjetajiet debitrici; illi l-konvenut nomine <u>gie infurmat b'dan u gie mitlub biex jirrevoka l-imsemmi mandat</u> li bhala konsewgenza tieghu l-istanti kienet qedha issofri danni enormi; <u>illi nonostante l-ispjegazzjoni lilu moghtija l-konvenut nomine Dottor Eric Mamo baqa' jippersisti fl-agir illegali tieghu u ghalhekk qieghed in "mala fede".</u>"* (sottolinear tal-Qorti).

Dan premess fit-tieni talba taghha s-socjeta` attrici talbet lil qorti sabiex "*tiddikjara lill-konvenut nomine Dottor Eric Mamo responsabbli ghad-danni sofferti mill-istanti <u>peress li qieghed jagixxi in mala fede;</u>"* (sottolinear tal-Qorti).

Fis-sentenza appellata l-ewwel qorti, wara li ddikjarat l-procediment ezawrit fir-rigward ta' l-ewwel talba "*in forza tal-hrug tal-opportun kontro mandat ad istanza tal-imsemmi Bank konvenut,"* kompliet hekk "*tilqa' pero` t-tlett (3) domandi l-ohra konsegwenzjali ghall-ewwel talba kif dedotti, b'dana li fir-rigward tat-tieni talba tippreciza li ghalkemm ma jirrizultax li l-Bank konvenut agixxa in mala fede madankollu xorta wahda huwa legalment tenut responsabbli ghall-operat zbaljat tieghu fil-konfront tas-socjeta` attrici;......"* (sottolinear tal-Qorti).

B'referenza ghal dan fir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta jinghad hekk: "*una volta it-talba attrici kienet ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` bazata fuq agir in mala fede, l-ewwel Qorti ma setghetx, filwaqt li tichad li kien hemm il-mala fede, issib lis-socjeta` appellanti responsabbli ghal dak li hi sejhet "agir zbaljat"."* (sottolinear tal-Qorti).

Ir-rikors ta' l-appell ikompli hekk: "*Huwa maghruf illi l-Qrati iridu jiddecidu tassattivament it-talbiet li jsirulhom, u li mhux lecitu – hlief fejn tippermetti espressament il-ligi – li l-Qrati jiddecidu fuq talbiet li ma' jkunux saru quddiemhom. Dan il-punt ta' principju hu assodat mill-interpretazzjoni "a contrario sensu" tal-art. 213 tal-Kap 12. Dan l-artikolu jiddisponi li fil-Qrati Inferjuri, il-Qorti, jekk issib li ma tkunx giet pruvata t-talba kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi ippruvat jedd iehor, ghad li dan il-jedd iehor ma' jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-Qorti tkun tista' tiddecidi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat, fuq l-istess citazzjoni.*

*"Il-konsegwenza logika ta' dan l-artikolu hija li tali haga hija possibbli biss fil-Qrati Inferjuri (u dan prezumibilment minhabba l-kuncett li l-avviz huwa "un mero avvizo per comparire") izda mhux ukoll fil-Qrati superjuri. F'dawn il-Qrati d-decizjonijiet iridu jindirizzaw it-talba kif formulata mill-attur, u ma jistghux jindirizzaw talbiet ohrajn. L-appellant jissottometti li talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ghal danni fuq bazi ta' mala fede – cioe` delitt – ma' tikkomprendix fiha talba ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ghal agir zbaljat li jaqa' taht il-kamp tan-negligenza (kwazi delitt). Inoltre, min jigi citat fuq agir in*

*mala fede huwa mistenni, li jiddifendi ruhu kontra dik it-talba u mhux ukoll mistenni li jiddifendi ruhu minn allegazzjoni ta' negligenza, meta din ma' tkunx saret ukoll."*
*"F'dan ir-rigward l-appellant umilment jissottometti li d-decizjoni fuq dan il-punt hija extra petita, u ghalhekk hija nulla u minghajr effett. B'hekk din s-sentenza ghandha tigi riformata fis-sens li una volta ma' irrizultax l-element ta' mala fede, it-talba tigi michuda."*

Jidher mill-atti tal-kawza, u kif sewwa osservat l-ewwel qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha fis-sentenza appellata, li l-Bank konvenut dejjem sostna li l-agir tieghu kien in "buona fede" u li konsewgentement it-talbiet l-ohra attrici, liema talbiet huma necessarjament marbutin u konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni li l-agir tal-Bank kien in mala fede, huma nfondati. Huwa minnu li l-effetti maqbuda bil-mandat ta' qbid in kwistjoni rrizultaw ta' proprjeta` tas-socjeta` attrici u mhux tas-socjetajiet debituri tal-Bank konvenut. Fic-cirkostanzi l-inadgini li kellha taghmel l-ewwel qorti sabiex tiddetermina l-validita` o meno tat-talbiet attrici kellha tkun indirizzata lejn l-intenzjoni "*malizjuza*" tal-Bank ezekutant meta talab l-ispedizzjoni tal-imsemmi mandat billi din il-prova biss setghet tiggustifika t-talba attrici in kwantu bazata fuq mala fede. Jidher li l-ewwel qorti rravizat l-htiega ta' dan l-element meta qalet espressament li "*Ma jirrizultax li* *inizjalment* (sottolinear ta' din il-Qorti) *l-operat tal-Bank konvenut kien "in mala fede"* u dana wara li ezaminat r-relazzjonijiet ta' bejn id-diversi socjetajiet involuti li mhux biss huma kollha koncernati bl-ispacc ta' "white goods" izda lkoll, inkluzi s-socjetajiet debitrici tal-Bank, jappartjenu lill-familja, Busietta. Wara li eskludiet il-"mala fede" inizjali tal-Bank l-ewwel qorti kompliet hekk: "*pero` gialadarba jirrizulta li huwa* (il-Bank) *esegwixxa fuq hwejjeg ta' terz, u dan minkejja li messu waqaf biex jara li dak li qed tallega s-socjeta` attrici kienx minnu (cioe` li l-oggetti maqbudin kienu taghha u mhux tad-debituri, kif fil-fatt kien), ifisser allura li l-Bank konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni li setghu rrizultaw b'dina l-ezekuzzjoni zbaljata fuq hwejjeg ta' terz."* (sottolinear tal-Qorti).

Kif rajna aktar-il fuq fil-parti dispositiva tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Ewwel Grad giet eskluza bl-aktar mod assolut il-‘mala fede’ da parti tal-Bank konvenut. Ghalhekk, fil-kuntest tal-mod kif giet formulata c-citazzjoni, kwalunkwe konsiderazzjoni ohra li saret mill-ewwel qorti partikolarment rigwardanti dewmien da parti tal-Bank konvenut fil-prezentata tal-kontro-mandat ghall-mandat originali hija ghal kollox irrilevanti, u dan billi l-inezistenza tal-male fede allegata xxejjen il-pretensjoni tas-socjeta` attrici.

Illi fic-cirkostanzi u billi l-ewwel aggravju tal-Bank konvenut jirrizulta gustifikat, din il-Qorti mhux sejra tezamina l-aggravji l-ohra mressqa mill-istess Bank appellant.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi fuq l-appell tal-HSBC Bank Malta p.l.c. billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi thassarha u tirrevokha f’dik il-parti fejn iddikjarat li l-bank konvenut kien legalment responsabbli ghall-operat zbaljat tieghu, fejn illikwidat id-danni fis-somma ta’ Lm7,280.00c, fejn ikkundannat lill-imsemmi bank ihallas din is-somma, u fejn iddecidiet dwar il-kap ta’ l-ispejjez, u konsegwentement tichad it-tieni, it-tielet u r-raba’ talbiet attrici, u tikkonfermaha fil-bqija.

L-ispejjes kollha ta’ dan l-appell kif ukoll dawk ta’ l-ewwel istanza, hlief ghal dawk li jikkoncernaw is-socjetajiet l-ohra konvenuti li baqghu kontumaci li ghandhom ibghatu l-ispejjes taghhom, jkunu a kariku tas-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------